MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 290/2012

**United Acceptances Finance Ltd (C 360)**

**vs**

**Pisani Charles (ID 649959M) u Pisani Doris (378158M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors, intavolat fit 23 ta' Awissu 2012 a tenur ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn filwaqt illi ghamlu referenza ghall-ittra ufficjali Nru 2072/12 datata 3 ta' Awissu 2012 u notifikata lilhom fil 11 ta' Awissu 2012, ill biha is-socjeta United Acceptances Finance Limited talbet illi trendi ezegwibbli ghaxar kambjalijiet mahruga fis 6 ta' Marzu 2007, ir-rikorrenti Charles u Doris Pisani talbu illi l-Ittra Ufficjali tigi dikjarat nulla peress illi s-socjeta intimata ma kienetx qieghda tonora u tosserva l-obbligi legali taghha fir-rigward tal-kambjali u tordna lis-socjeta intimata tirrilaxxja l-originali tal-kambjali filwaqt li tissospendi l-ezekuzzjoni tal-kambjali sakemm jigu rilaxxati l-istess kambjali.

Rat illi fir-rikors taghhom ir-rikorrenti sahqu li l-kambjali illi s-socjeta United Acceptance Finance Limited kienet qed titlob li jigu rezi ezekuttivi kienu jiffurmaw parti minn ammont ta' kambjali mahruga fuq bejgh ta' vettura li l-ahhar pagament effettiv kellu jsir fit 28 ta' Marzu 2011. Ir-rikorrenti sahqu illi s-socjeta intimata kienet qed tirrifjuta li tirrilaxxja l-

kambjali originali gia imhallsa minkejja illi kienu ilhom jintalbu sabiex jghaddu l-istess u infatti, minn Mejju 2008, is-socjeta intimata ma rrilaxxjat ebda kambjala ohra.

Rat illi r-rikorrenti qatt ma oggezzjonaw illi jhallsu l-kambjalijiet illi huwa dejjem irrikonoxxew dovuti izda semplicement kienu qed jippretendu li jinghataw l-originali tal-kambjali ili huwa diga hallsu. Kien ghalhekk illi huma kienu qed joggezzjonaw ghal hlas tal-kambjalijiet meritu ta' l-ittra ufficjali 2072/12.

Rat illi fis 27 ta' Awissu 2012 il-Qorti appuntat il-kawza ghas-smiegh ghas 17 ta' Settembru 2012.

Rat illi eventwalment is-socjeta intimata giet notifikata bid-digriet taghha fis 17 ta' Jannar 2013.

Rat illi fl-1 ta' Frar 2013, il-kawza giet differita ghall-provi kollha ghal 15 ta' Marzu 2013.

Rat illi fil 15 ta' Marzu 2013, iz-zewgt partijiet gharrfu lill-Qorti illi kienu qed jippruvaw jittransigu l-kaz billi jigu ritornati l-kambjalijiet gia imhallsa.

Rat illi fl-4 ta' Ottubru 2013, wara erbgha differimenti sabiex jittransigu l-kaz, liema transazzjoni ma sehhietx, il-Qorti awtorizzat lis-socjeta intimata tressaq l-eccezzjonijiet taghha.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ippresentata fit-28 ta' Ottubru 2013 fejn dina sahqet illi l-proceduri odjerni kienu bbazati fuq il-fatt illi s-socjeta intimata ma kienetx irritornat xi kambjalijiet gia imhallsa peress illi l-validita' tal-kambjalijiet ma hijiex tigi kkontestata. Sahqet illi, a tenur ta' l-artikolu 253 (e) tal-Kap 12, iridu jesistu ragunijiet gravi u validi fil-Ligi sabiex tali talba tigi milqugha, u, fil-kaz in ezami, ir-ragunijiet mogthija ma setgheu qatt jigu kkonsidrati bhala tali.

Rat illi fis-16 ta' Dicembru 2013, wara illi s-socjeta intimata naqset milli tressaq il-provi taghha, il-Qorti iddikjarat il-provi tas-socjeta intimata bhala maghluqa.

Rat illi fit 23 ta' Dicembru 2013 ir-rikorrenti ippresentaw kopja ta' l-ittra ufficjali illi maghha kien hemm ammess kopja ta' l-ghaxar kambjalijiet illi kienu qed jigu rezi ezekuttivi, ossija min-numru 53/96 san-numru 62/96, lkoll ta' €163.06.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Charles Pisani** moghtija fis 17 ta' Frar 2014.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet moghtija fit 28 ta' Marzu 2014.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi imressqa, illi r-rikorrenti, Charles u Doris Pisani kienu xtraw vettura u kellhom sittin kambjala mahruga minghand is-socjeta United Acceptances Finance Limited ghal hlasijiet mensili ta' tali vettura.

Jirrizulta illi, mument minnhom, il-ftehim li wassal ghal hrug tas-sittin kambjala, inbidel u ghalhekk, is-sittin kambjala gew rexissi u sar ftehim gdid bejn il-partijiet fejn din id-darba inhargu sitta u disghin kambjala ghal hlasijiet mensili tal-vettura.

Jirrizulta, kif ammess mir-rikorrent, illi mill-kambjali mahruga abbazi tat-tieni ftehim, ir-rikorrent hallas tlieta u erbghin kambjala sad-data tal-presentata tar-rikors odjern.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata kienet ghaddiet biss lir-rikorrent l-ewwel tlettax-il kambjala illi huwa kien hallas.

Jirrizulta illi r-rikorrent beda jilmenta mas-socjeta intimata illi huwa ma kienx inghata il-kambjalijiet illi kienu gew rexissi tal-ftehim l-antik u il-kambjaliiet imhallsa tal-ftehim il-gdid u ghalhekk waqaf milli jaghmel pagamenti. Eventwalment jidher illi s-socjeta intimata ghamlet ittra ufficjali simili ghal dik meritu tal-kawza odjerna kontra r-rikorrent ghall-import tal-kambjaljiet numru tlieta u tletin sa tlieta u erbghin, liema kawza hija rebhet u huwa hallasahom.

Jirrizulta illi, kif ammetta ir-rikorrent, il-kambjalijiet sussegwenti, inkluz dawk bin-numru tlieta u hamsin (53/96) sa tnejn u sittin (62/96), ma thallsux mir-rikorrent, u ghalhekk is-socejta intimata ippresentat ittra ufficjali a tenur ta’ l-artikolu 256 (2) tal-Kap 12 sabiex trendi l-kambjalijiet 53 sa 62 ezegwibbli.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti, illi l-bazi tal-azzjoni odjerna intavolata mir-rikorrenti hija dovuta ghal fatt illi s-socjeta intimata ma kienetx irritornat il-kambjaljiet illi huma kienu gia hallsu u ghalhekk insistew li, sakemm tali kambjalijiet ma jigux irtirati, huma ma jhallsu ebda kambjaljiet ohra.

Kif qalet il-Qorti ta’ l-Appell fil kawza ‘**Antoine Vassallo vs Mary Spiteri Tatchev et**” deciza fis 16 ta’ Marzu 2005,

> *Hi regola fl-azzjonijiet kambjarji li l-kambjalijiet huma prova tal-kontenut taghhom. Dawn il-kambjalijiet jikkostitwixxu mhux biss it-titolu ghall-pagament imma wkoll iservu ta’ ricevuta tal-hlas taghhom. Issa jinsab deciz illi la darba l-attur juri li hu l-possessur tal-kambjalijiet “id-debitur tal- kambjalijiet ma jistax jirrifjuta l-pagament lill-possessur hlief fil-kaz ta’ telf tal-kambjala jew ta’ falliment tal- possessur” (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1366**). F’dan il-kaz l-attur wera li l-kambjalijiet, li taghhom ippretenda li jirriskwoti l-hlas, kienu ghadhom fil-pussess tieghu. Kambjalijiet dawn korrispondenti ghall-perijodu determinat, u kif jinghad fl-Artikolu 174 tal-Kodici tal- Kummerc meta “kambjala tkun migbuda ghal zmien jew jum determinat ghandha tithallas fiz-zmien jew fil-jum fiha msemmija”.*

L-Ittra Ufficjali 2072/12 illi abbazi taghha ir-rikorrenti intavolaw il-proceduri odjerni kienet ibbazata fuq ghaxar kambjalijiet illi kienu fil-pussess tas-socjeta intimata United Acceptances Finance Limited u li, *ex admissis* mir-rikorrent stess, ghadhom ma thallsux mir-rikorrenti.

**Ikkunsidrat**

Fil-kawza odjerna, ir-rikorrenti ghamlu tlett talbiet, liema talbiet il-Qorti ser tghaddi biex tikkunsidra.

L-ewwel talba kienet biex l-ittra ufficjali in kwistjoni tigi dikjarata nulla stante illi s-socjeta intimata m'hijiex qed tonora u toserva l-obbligi legali taghha fir-rigward tal-kambjala.

Jirrizulta ben ippruvat illi, filwaqt li s-socjeta intimata naqset milli trodd lura kambjalijiet illi ir-rikorrent kien hallas, dana ma japplikax ghall-kambjaljiet meritu tal-Ittra Ufficjali 2072/12 peress illi dawna ghadhom ma thallsux, kif ammetta ir-rikorrent stess.

Ghalhekk dina l-ewwel talba ma ghandhiex bazi legali.

It-tieni talba kienet illi s-socjeta intimata trid tirrilaxxja l-originali tal-kambjali diga mhallsa.

Jirrizulta illi huwa minnu illi s-socjeta intimata kienet naqqset milli trodd lura l-kambjalijiet imhallsa mir-rikorrenti, u dana precizament mill-kambjala numru erbghatax-il quddiem. Madanakollu, quddiem dina l-Qorti ma ngiebu ebda provi dwar liema kambjalijiet attwalment thallsu.

Jirrizulta, madanakollu, illi dwar il-kambjalijiet illi huwa qieghed jilmenta li ma troddulux lura, liema kambjalijiet jidher illi huma lkoll mahruga fil-kont 3060002, is-socjeta intimata harget ricevuti  fl-ammont globali ta' €7,435.06, liema ammont, skond ir-rikorrenti, ikopri l-import ta' erbgha u sittin kambjala.

Jirrizulta, madanakollu, illi skond ix-xhieda ta' l-istess rikorrenti Charles Pisani moghtija fis 17 ta' Frar 2014, illi mill-kambjala 44/96 'l quddiem, huwa ma hallas xejn.

Ghalhekk, jirrizulta ben ppruvat illi l-kambjalijiet attwalment imhallsa huma dawn bejn 1/96 sa 43/96, u minnhom, ir-rikorrenti huma in pussess tal-kambjalijiet 1/96 sa 13/96.

Jirrizulta ukoll ben ippruvat, anke tul il-mori ta' dina l-kawza, illi s-socjeta intimata talbet diversi differiment sabiex tipprova ssib dawna l-kambjalijiet, izda dawna qatt ma gew ippresentati.

Ghalhekk, it-tieni talba hija korretta u ghandha tigi milqugha, ghalkemm din biss ghall-kambjalijiet 14/96 sa 43/96.

It-tielet talba hija sabiex jigu sospizi l-ezekuzzjoni tal-kambjali sakemm jigu rilaxxjati l-kambjlijiet imhallsa.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et"** deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:-

> *"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar*

*celerita' possibbli ... ... ...". Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic- cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi".*

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) **"John Portelli noe vs Joseph Sullivan"**.

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **"Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe"** (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):-

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti".*

Fil-kawza odjerna, it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha peress illi tmur diametrikament oppost mal-principlju tal-kambjala u l-importanza taghha fil-kamp kummercjali, kif fuq spjegat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat il-proceduri odjerni u l-provi prodotti

Wara illi semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet

Tghaddi biex tghaddi u tiddeciedi billi

**Tilqa** l-eccezzjonijiet tas-socjeta intimata u dana billi

**Tichad** l-ewwel u tielet talba tar-rikorrenti filwaqt illi

**Tilqa** t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna lis-socjeta intimata tirritorna l-kambjaljiet numru 14/96 sa 43/96 tal-kont numru 0306002 filwaqt illi tirriserva lir-rikorrenti d-drittijiet spettanti lilhom f'kaz ta' nuqqas ta' ottemperanza ma' tali decizjoni.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------